# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors numru 427/08/1 SM**

**George Spiteri & Sons Limited (C12936)**

**v.**

**Gordon Agius**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") u li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, imma laqgħet biss it-tieni talba attriċi u kkundannat lill-imħarrek Agius iħallasha lura s-

somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€4,658.75) lilu mislufa mill-kumpanija attriċi; u billi ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-istess imħarrek Agius, u ordnat li l-kumpanija attriċi tħallas kwart (1/4) tal-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li r-rikonvenjent Agius iħallas it-tliet kwarti (3/4) l-oħrajn;

2. Bl-azzjoni li fetħet il-kumpanija attriċi appellanti (minn issa 'l hemm imsejħa "GS&S"), hija talbet lill-ewwel Qorti tikkundanna lill-imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Agius") iroddilha lura l-magna li tonqox il-ħġieġ jew kemm kienet tiswa (€20,265.55); li jroddilha lura s-somma ta' (€4,658.75) li hija kienet silfet lil Agius b'rabta mal-*joint venture* li kellhom f'moħħhom li jiffurmaw bejniethom; li tikkundannah iħallasha wkoll is-somma ta' (€3,810.27) bħala nefqiet li għamlet biex jinxtara l-materjal li kellu jintuża fl-imsemmija *joint venture*; u li ssib li Agius kien jaħti għad-danni li GS&S ġarrbet minħabba li naqas li jżomm il-parti tiegħu biex isseħħ il-*joint venture*, tillikwida l-imsemmija danni u tikkundanna lil Agius iħallasha d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża;

3. Agius laqa' għall-imsemmija azzjoni billi qal li l-ġudizzju ma kienx sħiħ għaliex kien messha tħarrek ukoll miegħu lil martu, minħabba l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom; ċaħad li qatt issellef xi flus mingħand GS&S; ċaħad li GS&S kienet tassew daħlet f'xi nefqa dwar investiment f'xi attivita` kummerċjali li seta' kien imdaħħal fiha hu; ċaħad

li f'idejh kellu xi ħwejjeġ ta' GS&S u żied jgħid li, mhux biss ma kellu jagħti xejn lill-attriċi, imma GS&S kienet midjuna lejh minħabba li qatt ma kkumpensatu tan-nefqiet li ħareġ minn butu u tad-danni li ġarrab minħabba li kien bi ħtija tagħha li l-proġett ta' bejniethom sfaxxa. Minħabba f'hekk, Agius inqeda bl-azzjoni attriċi biex ressaq kontro-talba li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-ewwel Qorti ssib li l-attivita` ekonomika miftehma bejniethom (il-*joint venture*) ma seħħitx bi ħtija għall-inadempjenza ta' GS&S; issib li GS&S taħti għad-danni li ġarrab minħabba f'hekk; tillikwida d-danni hekk imġarrbin minnu; u tikkundanna lil GS&S tħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż;

4. GS&S laqgħet għall-azzjoni rikonvenzjonali billi ċaħdet it-talbiet ta' Agius, saħqet li hija qatt ma daret minn kliemha u wettqet dak li ntrabtet għalih u, b'riferenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu għall-azzjoni ewlenija tagħha, eċċepiet li Agius ressaq il-kontro-talba waħdu u mhux flimkien ma' martu;

5. Biex l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat:*
>
> *14. Illi sintetikament il-kawza odjerna hi rizultat ta' negozju bejn il-kontendenti li falla;*
>
> *15.0. Illi rizultat tal-istess is-socjeta` qed tippretendi li l-intimat jirrifondiha s-segwenti:*

*15.1. €4,685.68 ammont misluf lill-intimat, (ara foll 20 u 23);*

*15.2. €3,810.27 ammont imhallas minnha fi spejjez minnha inkorsi ghall-materjal biex ikun jista` jintuza fl-impriza kongunta pattwita u f'danni, (ara foll 21);*

*15.3. €20,265.55 ammont imhallas minnha ghall-magna specjalizzata li taqta` l-hgieg, (ara foll 20, 24 u 71), jew ir-ritorn tal-magna in dizamina, (ara foll 2);*

*15.4. Illi l-ammont komplessiv hekk rikjamat mis-socjeta` de quo allura jammonta ghal €28,761.50;*

*Ikkunsidrat:*

*16.0. Illi min-naha tieghu l-intimat rikonvenzjonali isostni sintetikament is-segwenti:*

*16.1. Illi mhux minnu li s-socjeta` de quo selfitu xi flus, (ara foll 79 et sequitur);*

*16.2. Illi mhux minnu li s-socjeta` de quo investiet xi flus fin-negozju kongunt propost bejn il-partijiet;*

*16.3. Illi l-magna in dizamina nxtrat esklussivament mis-socjeta` de quo, (ara foll 81);*

*16.4. Illi l-istess negozju kongunt propost qatt m'avvera ruhhu ghaliex is-socjeta` de quo kienet inadempjenti, (ara foll 80 u 81);*

*16.5. Illi di piu`, kien l-istess intimat li sofra spejjez in konnessjoni man-negozju kongunt propost, komplessivament ammontanti ghal €26,880.00, (ara foll 120);*

*Ikkunsidrat:*

*17.0. Illi minn ezami tal-atti prezentati jirrizulta sintetikament is-segwenti:*

*17.1. Illi l-partijiet kienu effettivament qeghdin jikkonsidraw li jistabilixxu negozju kongunt bejniethom, (ara foll 20 u foll 80);*

*17.2. Illi din il-konsiderazzjoni zviluppat wara li l-partijiet kienu diga` jikkummercjaw flimkien, (ara foll 80);*

*17.3. Illi ghalkemm in-negozju kongunt propost qatt ma zviluppa u mmaterjalizza, jirrizulta pero` li kien infetah kont bankarju kongunt bejn il-kontendenti (ara foll 79 u 83);*

*Ikkunsidrat:*

*18.0. Illi stante li fl-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari kontenuta fir-risposta tal-intimat dan isostni li l-gudizzju mhux integru ghaliex is-socjeta` rikorrenti ma intavolatx il-kawza odjerna anke fil-konfront tal-mara tieghu, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*18.1. Illi l-istess eccezzjoni tirrizulta msejsa fuq l-artiklu 1322 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*18.2. Illi f'dan il-kuntest meta l-att ikun biss wiehed ordinarju, il-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek jispetta lil kull wahda mill-mizzewgin;*

*18.3. Illi fejn l-amministrazzjoni tkun wahda straordinarja, il-jedd indikat fil-paragrafu precedenti jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien;*

*18.4. Illi l-artiklu 1322 (3) tal-istess Kap fuq riferit jelenka dawk l-atti hemm espressament dikjarati bhala atti t'amministrazzjoni straordinarja;*

*18.5. Illi ghalhekk, tenut kont tal-elenku specifiku tal-atti hemm indikati bhala tali, allura l-istess ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva;*

*Ikkunsidrat:*

*19. Illi jirrizulta li kif imposta l-azzjoni odjerna introdotta mis-socjeta` rikorrenti hi wahda intiza ghal rifuzjoni ta' ammont ta' flus misluf u ghal danni rikjamati mill-istess socjeta` rizultanti mill-falliment tal-konkretizzar tan-negozju kongunt propost;*

*20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-relazzjoni in dizamina naxxenti bejn il-kontendenti hi rizultat t'atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin;*

*21. Illi ghalhekk jiskatta l-operat tal-artiklu 1324 tal-istess Kap fuq indikat;*

*22. Illi konsegwentement tali azzjoni trid necessarjament tkun indirizzata biss fil-konfront ta' dik il-konjugi li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju, jew professjoni;*

***DECIDE:***

*23. Illi in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;*

*Ikkunsidrat:*

*24.0. Illi fir-rigward tal-ewwel talba tas-socjeta` rikorrenti, senjatament dik rigwardanti t-talba biex l-intimat jirritorna l-magna in dizamina jew alternattivament biex ihallas prezzha, lis-socjeta` rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*24.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li fil-fazi tan-negozju bejn il-partijiet biex jitwaqqaf in-negozju kongunt in dizamina, hi kienet xtrat magna specjalizzata fil-qtugh tal-hgieg, (ara foll 20);*

*24.2. Illi l-prezz imhallas ghall-istess hu dak ta' €20,265.55, (ara foll 24 u 71);*

*24.3. Illi l-istess magna kienet giet ikkonsenjata lill-intimat mill-venditur fil-fabbrika tal-intimat, (ara foll 20);*

*24.4. Illi sussegwentement fiz-19 ta' Frar, 2007, is-socjeta` venditrici irrilaxxat il-fattura relattiva f'isem Gordon Agius u George Spiteri, rigwardanti l-magna tal-marka "Redsail Laser Engraver", de quo, (ara foll 58);*

*Ikkunsidrat:*

*25. Illi l-intimat rikonvenzjonanti jsostni li m'ghandux oggetti jew beni tas-socjeta` rikorrenti fil-pussess tieghu (ara foll 9 u l-paragrafu numru tlieta punt hamsa, (3.5.), aktar qabel);*

*26. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-mandat ta' qbid li s-socjeta` rikorrenti ottjeniet kontra l-intimat rikonvenzjonanti, rikors 616/08, (ara foll 99);*

*27. Illi fl-atti giet ipprezentata kopja tal-lista tal-oggetti li gew maqbuda permezz tal-imsemmi mandat;*

*28. Illi min ezami tal-istess jirrizulta li fl-imsemmija lista ma jirrizultax li l-intimat instab li kellu l-magna in dizamina fil-pussess tieghu;*

*29. Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghad-decizjoni tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Hans Jochim Link et vs. Raymond Mercieca**, datata it-**12 ta' Jannar, 2001**, li rriteniet li hu:*

> *"...principju bazilari ta' dritt illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju actore non probante reus absolvitur kienet essenzjalment ezercizzju ta' analizi ta' provi fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien ukoll regolatur fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi fil-kamp civili";*

*30. Illi ghalhekk hi norma procedurali assodata li min jallega jrid jipprova;*

*31. Illi f'dan ir-rigward, l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq riferiti jistipula s-segwenti:*

> *"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"*

*32. Illi min ezami tar-rizultanzi prodotti in atti is-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova l-bazi tal-pretensjoni taghha fir-rigward kif fuqha jinkombi;*

*33. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li allegazzjoni biss mhux sufficjenti biex tirradika l-pretensjoni allegata u tibdilha f'fatt oggettivament konstatat;*

***DECIDE:***

*34. Illi konsegwentement l-ewwel (1), il-hames (5) u s-sitt (6), talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;*

*Ikkunsidrat:*

*35.0. Illi rigward l-ammont allegatament misluf mis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata jinghad sintetikament is-segwenti:*

*35.1. Illi l-istess socjeta` tallega li selfet is-somma ta' €4,658.75,(ekwivalenti ghal Lm2,000.00), lill-intimat, (ara foll 20);*

*35.2. Illi skont ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata, dan l-ammont allegatament gie misluf lill-intimat Gordon Agius fis-sena 2006, (ara foll 20);*

*35.3. Illi ghalkemm mhux dokument datat dak a foll 23 tal-process juri li l-intimat Gordon Agius issellef is-somma t'Lm2,000.00 minghand is-socjeta` rikorrenti;*

*35.4. Illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-intimat Gordon Agius kif indikata fl-istess skrittura privata, (ara foll 23), hi l-istess kif indikata kemm fir-risposta guramentata kif ukoll fil-kontro-talba tar-rikorrenti rikonvenzjonanti, (ara foll 9 u 12);*

*35.5. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jafferma li l-ammont hekk misluf lill-intimat qatt ma gie restitwit lill-istess socjeta` rikorrenti mill-intimat de quo, (ara foll 20);*

***DECIDE:***

*36.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat din it-talba taghha u konsegwentement:*

*36.1. Tirrespingi t-tieni (2) risposta guramentata tal-intimat flimkien ma' dak allegat minn mart l-intimat fid-dikjarazzjoni ġuramentata taghha datata z-19 t'April, 2013, (ara foll 103);*

*36.2. Takkolji t-tieni (2) talba tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata, (ara paragrafu numru wiehed punt ghaxra punt tlieta, (1.10.3.), aktar qabel);*

*Ikkunsidrat:*

*37.0. Illi rigward l-allegat ammont li s-socjeta` rikorrenti ssosstni li nefqet fi spejjez inkorsi minnha ghall-materjal li kellu jigi uzat fin-negozju kongunt in dizamina, u ghad-danni allegatament sofferti mill-istess, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*37.1. Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, jsosstni li hu xtara u hallas permezz ta' cekkijiet ghall-hgieg; partijiet tal-computer tal-magna; plastic tat-trofej; ammont ta' bazijiet tal-irham ghall-istess trofej u pagament lil Sports Experience, (ara foll 21);*

*37.2. Illi l-pagamenti indikati fil-paragrafu precedenti effettwati mis-socjeta` rikorrenti jirrizultaw suffragati permezz ta' cekkijiet u fatturi appoziti, (ara foll 25 sa 28 u Dok GS8);*

*Ikkunsidrat:*

*38.0. Illi rigward id-danni allegatament sofferti mis-socjeta` rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:*

*38.1. Id-devalwazzjoni tal-magna in dizamina;*

*38.2. Nuqqas ta' profitti;*

*39.0. Illi fir-rigward l-intimat issostni sintetikament is-segwenti:*

*39.1. Illi din l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti mhiex minnha;*

*39.2. Illi in effetti s-socjeta` rikorrenti ma pprovatx l-allegazzjoni taghha li soffriet id-danni allegati;*

*Ikkunsidrat:*

*40.0. Illi fir-rigward ta' dawn iz-zewg lanjanzi hawn in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:*

*40.1. Illi l-prospett ipprezentat in atti mis-socjeta` rikorrenti hu biss elenku unilateralment redatt mill-istess socjeta`;*

*40.2. Illi allura dan il-prospett ma jistax jittiehed bhala prova oggettiva ta' dak allegat mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 75);*

*40.3. Illi ghalhekk l-ispejjez hemm allegati ma jirrizultax li kienu debitament provati, u li effettivament intefqu biex ikun jista` jigi stabbilit dan in-negozju kongunt;*

*40.4. Illi allura f'dan il-każ japplika wkoll il-principju antik actore non probante reus absolvitur flimkien mall-obbligu stabbilit fl-artiklu 562 tal-Kap 12 fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru disgha u ghoxrin, (29.) u wiehed u tletin, (31.), aktar qabel);*

***DECIDE:***

*41. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-tielet (3) talba taghha, (ara foll 2), u qeghda ghalhekk tigi respinta;*

*Ikkunsidrat:*

*42.0. Illi fir-rigward tad-danni allegati mis-socjeta` rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:*

*42.1. Illi l-intimat isosstni li n-negozju kongunt effettivament qatt ma ddekolla, u dan, minhabba inadempjenza tas-socjeta` attrici;*

*42.2. Illi in vista tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jirrizulta pacifiku li l-allegat negozju kongunt bejn il-kontendenti qatt ma kkonkretizza ruhhu;*

*42.3. Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-intimat isosstni li l-partijiet kienu ghadhom fl-istadju ta' trattattivi, liema trattattivi qatt ma kkristallizzaw ruhhom f'kuntratt vinkolanti bejn il-partijiet, (ara foll 80);*

***DECIDE:***

*43. Illi ghalhekk ukoll ir-raba (4) talba tas-socjeta` rikorrenti rigwardanti d-danni allegati ma tirrizultax ipprovata skont il-ligi u konsegwentement, qeghda tigi respinta;*

*Ikkunsidrat:*

*44.0. Illi in riassunt in vista tal-premess, jinghad in konkluzzjoni s-segwenti:*

***DECIDE:***

*44.1. Illi in vista tal-premess it-tieni (2) talba tas-socjeta` rikorrenti, senjatament li l-intimat jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €4,658.75 lilhu minnha moghtija bhala self, qed tigi akkolta;*

*44.2. Illi t-talbiet l-ohra tal-istess socjeta` rikorrenti qed jigu respinti;*

*44.3. Illi di piu`, qeghdin jigu akkolti wkoll it-tielet (3) u l-hames (5) risposti tal-intimat u jigu respinti l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba (4) risposti tal-istess;*

*Ikkunsidrat:*

*45.0. Illi fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali sollevati mill-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:*

*45.1. Illi l-intimat isosstni li r-risponsabbilita` tal-fatt li n-negozju kongunt in dizamina qatt ma kkonkretizza ruhhu taqa` biss fuq is-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata, stante li s-socjeta` rikorrenti kienet qed tippretendi persentagg ezorbitanti u inikwu fl-istess negozju, (ara foll 80);*

*45.2. Illi ghalhekk l-istess negozju qatt ma' gie fis-sehh minhabba nuqqas ta' animu kollaborattiv da parti tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata;*

*45.3. Illi rizultat tal-istess, l-istess intimat jitlob ukoll danni u spejjez minnu sofferti u inkorsi fir-rigward minghand is-socjeta` rikorrenti;*

*45.4. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li anke l-intimat ipprezenta l-prospett tieghu li permezz tieghu elenka d-danni minnu allegatament sofferti, (ara foll 120);*

*Ikkunsidrat:*

*46. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` rikorrenti min-naha taghha, ssosstni li n-negozju kongunt in dizamina ma avverax ruhhu tort u htija esklussivament minhabba l-fatt li l-intimat naqas li jagixxi kif pattwit;*

*47. Illi min-naha tieghu l-intimat jindirizza din l-akkuza lill-mittenti u min-naha tieghu jsostni li dan in-negozju kongunt ma sehhx minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` rikorrenti u mhux ghal xi nuqqas tieghu;*

*Ikkunsidrat:*

*48. Illi f'dan ir-rigward tal-analizi ta' provi prodotti ssir riferenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell, (Sede Inferjuri)** *fl-ismijiet* **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** *fejn gie ritenut is-segwenti:*

> *"Jekk hemm bzonn jigi ripetut in materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*
>
> *"(1) "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni*

*l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu, (**actori incumbit probatio**), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-preteza tal-attur, (**reus in excipiendo fit actor**) (**Ara Kollez. Vol. XLV1 P I p. 5**);*

*"(2) "Fil-kors tal-kawza l-piz jista` joxxilla min parti ghall-ohra, kif jinghad, "jista` jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta", (**Kollez. Vol. XXXVII P I p. 577**);*

*"(3) "Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi **iuxta alligata et probata**, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, min dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux provat;*

*"(4) "Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artiklu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinsab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti mall-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni (Ara b'ezempju, **Kollez. Vol. XXIV P I p. 104**)";*

*Ikkunsidrat:*

*49. Illi minn ezami tar-rizultanzi pprezentati fl-atti ta' din il-procedura l-allegazzjoni sottolineata mill-intimat rikonvenzjonanti li s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata kienet b'xi mod inadempjenti ta' xi kundizzjoni li permezz tal-istess in-negozju kongunt in dizamina ma avverax ruhhu ma tirrizultax ipprovata skont il-ligi;*

***DECIDE:***

*50.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li l-intimat rikonvenzjonanti pprova l-kontro-talba tieghu .. ..*";

6. GS&S ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u b'rikors imressaq minnha fit-18 ta' Lulju, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirriformaha billi (a) tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tagħha u, minflok, tilqa' dawk it-talbiet; (b) tirriformaha safejn

laqgħet it-tieni talba tagħha billi, filwaqt li tilqagħha safejn ikkundannat lill-appellat Agius iħallasha lura s-somma ta’ €4,658.75 li kienet silfitu, tordna li l-imgħax fuq dik is-somma jibda miexi mill-15 ta’ Mejju, 2006, jiġifieri minn dakinhar tas-self; u (ċ) tikkonfermaha safejn ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali ta’ Agius, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat;

7. Għal dan l-appell, Agius laqa’ billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, warrab l-aggravji kollha ta’ GS&S u qal li din il-Qorti jmissha tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat ta’ GS&S waqt is-smigħ tal-5 ta’ Ottubru, 2021, wara li għarrafha li t-transazzjoni li l-partijiet kienu semmew waqt is-smigħ ta’ qabel ma kinitx seħħet;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

10. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni għal radd lura ta’ tagħmir, radd lura ta’ somma mislufa u azzjoni ta’ danni minħabba negozju miftiehem (“*joint venture*”)

li ma seħħx; b'azzjoni rikonvenzjonali għal dikjarazzjoni ta' ħtija talli sfaxxa n-negozju u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba mill-kontro-parti;

12. Illi bis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqgħet biss waħda mit-talbiet attriċi ta' GS&S (dik li tirrigwarda r-radd lura tas-somma mislufa lil Agius), ċaħdet il-bqija tat-talbiet u ċaħdet ukoll l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Agius;

13. Illi Agius ma ressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet il-kontro-talba tiegħu u għalhekk il-Qorti ssib li dik il-parti saret ġudikat u ma għandhiex għalfejn tistħarriġha aktar;

14. Illi GS&S ressqet **tliet aggravji** mis-sentenza appellata li, fil-qosor jinġabru kif ġej: (i) li l-ewwel Qorti ma qisitx xhieda importanti mressqa minnha; (ii) li l-ewwel Qorti warrbet il-pretensjonijiet tagħha ta' nefqiet maħruġa għall-benefiċċju ta' Agius, billi ma ntebħitx li dik ix-xhieda kienet mogħtija taħt ġurament; u (iii) li wkoll fejn laqgħet it-tieni talba tagħha, l-ewwel Qorti naqset li tgħid minn meta kellu jibda miexi l-imgħax fuq is-somma mislufa li kellha tintradd lura;

15. Illi għar-rigward tal-**ewwel aggravju** (u li x'aktarx huwa l-aktar wieħed mifrux tant li, saħansitra, jirrifletti wkoll it-tieni aggravju) GS&S

tgħid li l-ewwel Qorti njorat għal kollox ix-xhieda mressqa minnha, qieset b'mod leġġer il-provi dokumentali u qagħdet biss fuq ix-xhieda tar-rappreżentant tagħha u ta' Agius u martu. Tisħaq li, biex tabilħaqq kellha ssir ġustizzja, l-ewwel Qorti kienet marbuta li għallanqas tqis ix-xhieda l-oħrajn. Tgħid li minn qari tas-sentenza appellata jidher li dan ma sarx u ssemmi b'mod partikolari x-xhieda mogħtija minn Wesley Davies (il-bejjiegħ tal-magna mertu tal-ewwel talba attriċi) u Paul Scicluna (impjegat fid-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud) li l-ewwel Qorti lanqas biss semmiethom. Tilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma aċċettatx li l-magna nżammet minn Agius, meta qagħdet biss fuq ir-riferta tal-Mandat ta' Qbid (fejn il-magna ma tissemmiex fir-riferta tal-uffiċjal eżekuttiv fost il-ħwejjeġ maqbuda) u ma qisitx provi oħrajn ċari li juru li l-magna kienet tabilħaqq għand Agius u li dan għamel żmien jaħdem biha bla ma jħallas lil ħadd. Taħt dan l-aggravju, GS&S tikkritika wkoll il-mod li bih Agius u martu xehdu u l-fatt li l-ewwel Qorti qagħdet fuq dik ix-xhieda biex ixxejjen il-pretensjonijiet attriċi;

16. Illi għal dan l-aggravju Agius jilqa' billi jgħid li dan ma huwa xejn aktar minn tentattiv min-naħa ta' GS&S biex terġa' tiftaħ il-każ bit-tama li din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi u, forsi, taħsibha b'mod differenti minn kif ħasbitha l-ewwel Qorti. Imbagħad, jgħaddi biex ixejjen waħda f'waħda t-talbiet attriċi u l-pretensjonijiet ta' GS&S dwarhom. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti ma setgħetx taqta' l-kawża mod

ieħor meta GS&S naqset li tressaq provi tajbin biżżejjed dwar il-pretensjonijiet tagħha u issa qiegħda tipprova ssalva s-sitwazzjoni b'argumenti li mhumiex imsejsa fuq provi tajba;

17. Illi l-Qorti tagħraf li huwa minnu li dan l-ewwel aggravju ta' GS&S huwa fil-qofol tiegħu wieħed immirat li jattakka l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti tal-provi li tressqu quddiemha u li fuqhom fasslet il-fehmiet tagħha fis-sentenza appellata. Bla ma terġa' ttenni fit-tul il-prinċipji li jmexxuha f'każ ta' aggravju mibni fuq kawżali bħal din tal-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tħares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qiegħda ssirilha biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni;

18. Illi f'dan ir-rigward, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[1]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[2];

19. Illi din il-Qorti wettqet l-apprezzament awtonomu li jissemma, filwaqt li żammet sew quddiem għajnejha l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel

[1] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Agius v. Piju Theuma.***
[2] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.***

Qorti u kif ukoll il-jedd tal-ġudikant li jagħti lil dawk il-fatti tifsira raġonevoli u kongruwa msejsa fuq id-diskrezzjoni li kull ġudikant huwa mistenni li jkollu biex jasal għad-deċiżjoni aħħarija tiegħu. GS&S tgħid li r-rabta kummerċjali li kellha ma' Agius hija l-bażi tat-talbiet tagħha kontrih u Agius ma jiċħadx dik ir-rabta – kemm hu hekk, iressaq l-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu fuq is-saħħa ta' dik ir-rabta. Din il-Qorti tqis li l-eżistenza tar-rabta kummerċjali li GS&S kellha ma' Agius ma għandhiex tkun il-prova tas-siwi tat-talbiet tagħha kontra Agius. L-ewwel Qorti wkoll għarfet li kien hemm dik ir-rabta[3] (liema għarfien kien dak li wassalha biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Agius għall-azzjoni ewlenija ta' GS&S[4]), imma r-rabta waħedha ma tippruvax it-talbiet;

20. Illi fl-ewwel kawżali ta' dan l-aggravju tagħha, GS&S issemmi ċ-ċirkostanza tal-bejgħ lilha tal-magna, il-ħlas magħmul minnha lill-bejjiegħ Davies u l-konsenja tagħha lil Agius li nqeda biha. Dan kollu jintrabat mal-ewwel talba attriċi li l-ewwel Qorti ma laqgħetx. Dik it-talba kienet titlob li GS&S tipprova li l-magna xtratha hi, li l-magna ħadha Agius u li meta saret il-kawża Agius kien qiegħed iżommha għandu. Din il-Qorti fliet l-atti tal-kawża u ssib li l-prova tan-nefqa biex inxtrat il-magna saret kif imiss[5] (ukoll jekk jifdal dubju mix-xhieda ta' Wesley Davies, dwar jekk il-prezz tagħha baqa' ma tħallasx kollu). Ma nġabitx prova ċara li max-

[3] §14 tas-sentenza appellata.
[4] §20 tas-sentenza appellata.
[5] Ix-xhud Wesley Davies għaraf iċ-*cheque* (Dok "GS2", f'paġ. 24 tal-proċess) bħala dak li bih tħallas tal-magna minnu mibjugħa (xhieda tiegħu f'paġ. 57 tal-proċess).

xiri l-magna kienet f'idejn Agius, jew fejn ittieħdet meta sar il-ftehim mal-bejjiegħ. Madankollu, bħalma sabet l-ewwel Qorti, tonqos il-prova li fiż-żmien li nfetħet din il-kawża, il-magna kienet f'idejn Agius u kemm kien tassew il-valur tagħha dak iż-żmien, jew x'kien ġara minnha fiż-żmien li l-partijiet kienu qegħdin ifasslu l-isħubija ta' bejniethom (il-"*joint venture*") u meta sfaxxa kollox. Dan kollu jirriżulta lil hinn mill-kwistjoni taċ-ċaħda ta' Agius li l-magna kienet f'idejh[6]. Kien jaqa' fuq GS&S li tipprova dan kollu u mhux Agius. L-ewwel Qorti għalhekk, meta sabet ma' wiċċha dan in-nuqqas ta' prova, ma setgħetx tilqa' l-ewwel talba. Din il-Qorti, fil-funzjoni reviżorja tagħha, ma tarax li għandha xi raġuni tajba biex taqleb il-fehma tal-ewwel Qorti;

21. Illi l-kawżali l-oħra f'dan l-ewwel aggravju ta' GS&S tintrabat mal-inkonsistenza tax-xhieda ta' Agius u ta' martu u kemm l-ewwel Qorti ma messhiex qagħdet fuq dik ix-xhieda. Din il-kawżali wkoll tirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti u dak li għad qabel jgħodd hawnhekk ukoll. Din il-Qorti, iżda, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ċaħdet il-biċċa l-kbira mit-talbiet ta' GS&S mhux fuq is-saħħa tax-xhieda ta' Agius u martu, imma fuq nuqqas ta' tressiq ta' provi tajbin min-naħa tal-istess kumpanija appellanti. Kien minħabba f'hekk ukoll li l-ewwel Qorti warrbet it-talbiet rikonvenzjonali kollha ta' Agius. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin f'dik il-fehma tal-ewwel Qorti u, wara li rat sewwa l-atti tal-

[6] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 144 – 5 tal-proċess.

kawża, tikkonfermaha. L-argumenti mressqa minn GS&S fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti u fir-rikors tal-appell (li fil-biċċa l-kbira jtennu dawk magħmulin fin-Nota ta' Sottomissjonijiet) ma humiex biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' provi mressqa;

22. Illi għalhekk l-ewwel aggravju ma huwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

23. Illi għar-rigward tat-**tieni aggravju** mis-sentenza appellata GS&S sejset il-pretensjonijiet tagħha dwar id-danni mġarrba fuq żewġ kawżali ewlenin: deprezzament tal-magna li għaddiet lil Agius, u t-telf ta' qligħ u l-imgħaxijiet kummerċjali marbuta mal-fatt li GS&S ma setgħetx tħaddem il-magna minħabba li żammha Agius. Il-Qorti reġgħet rat b'reqqa l-provi li GS&S ressqet quddiem l-ewwel Qorti u ma sabet l-ebda raġuni ġdida biex taqleb il-fehma tal-ewwel Qorti dwar dawk it-talbiet speċifiċi. Kif tgħid fir-rikors tal-appell tagħha, GS&S tqis li l-ewwel Qorti kellha quddiemha xhieda u provi tajbin biżżejjed biex messha laqgħetilha dawn it-talbiet. Minn eżami tal-atti, joħroġ li dawn il-provi jinsabu f'affidavit[7] u fid-dokumenti mehmużin miegħu u kif ukoll f'nota mressqa minn rappreżentant tal-kumpanija quddiem l-assistent ġudizzjarju[8]. Mill-ebda wieħed minnhom ma toħroġ x'telf ġarrbet GS&S bin-nuqqas ta' użu tal-magna jew prospett li juri nfieq li kellha tagħmel biex dak ix-xogħol li tgħid

[7] Paġġ 20 – 8 tal-proċess.
[8] Paġġ. 74A – 75 tal-proċess.

li kienet tagħmel bil-magna sar band'oħra u x'kienet in-nefqa. Dan jingħad minbarra l-kwistjoni li ssemmiet qabel dwar in-nuqqas ta' provi dwar x'ġara mill-magna wara li nxtrat mingħand Davies. La kien xogħol l-ewwel Qorti u lanqas ma huwa xogħol ta' din il-Qorti li tissupplimenta għan-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward;

24. Illi għalhekk, dan l-aggravju wkoll ma jistħoqqlux jintlaqa' għaliex ma ntweriex li l-ewwel Qorti ngħatat raġunijiet biex tiddeċiedi mod ieħor minn kif iddeċidiet;

25. Illi bit-**tielet aggravju** tagħha GS&S tilmenta li meta l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni talba tagħha flimkien mal-kundanna ta' Agius li jħallasha lura s-somma mislufa, dik il-Qorti ma semmiet xejn dwar iż-żmien li kellu jibda miexi l-ħlas ta' mgħax. Hija tgħid li, minn tal-anqas, il-mixi tal-imgħax kellu jibda kif mitlub fir-rikors promotur, jekk mhux minn dakinhar li nħareġ ċekk fil-15 ta' Mejju, 2006, li bih is-somma mislufa għaddiet għand Agius;

26. Illi għal dan l-aggravju, Agius jilqa' billi baqa' jiċħad li huwa qatt issellef xi flus mingħand GS&S u saħaq li, għall-kuntrarju, kienet dik il-kumpanija li kellha tagħtih għan-nefqiet li għamel biex twaqqaf il-kont bankarju konġunt bi tħejjija għat-twaqqif tal-*joint venture*;

27. Illi l-Qorti tqis li dan it-tielet aggravju huwa każ minn dawk fejn appellant iqajjem appell minn tħollija barra ta' xi talba fis-sentenza appellata. Il-liġi tagħmilha ċara li ma jingħatax appell *ab omissa decisione*[9]. GS&S kellha rimedju mogħti lilha mil-liġi biex issewwi tali nuqqas (jekk tabilħaqq kien il-każ), imma ma nqdietx bih u dan l-appell mhuwiex ir-rimedju xieraq li issa tista' titlob. Lil hinn minn hekk, din il-Qorti tqis li fir-rikors li bih infetħet il-kawża, GS&S talbet l-imgħax legali flimkien mal-ispejjeż bla ma speċifikat il-jum minn mindu kienet tippretendi li kellu jibda miexi tali mgħax. Mill-kitba li biha Agius jistqarr li ssellef l-Lm2,000, ma tidhirx la d-data meta sar is-self u wisq anqas tissemma xi data meta s-somma kellha tintradd lura. Iċ-*cheque* li ssemmi GS&S bħala d-data meta sar is-self ma jagħmilx parti mill-atti tal-kawża. Meta GS&S talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Qbid dakinhar li fetħet il-kawża, ħalliet il-kawżali tal-imgħax bħala "riservat" u ma jidhirx li, qabel fetħet il-kawża, interpellat lil Agius b'xi att uffiċjali li bih talbet il-ħlas tal-imgħax għall-morożita`;

28. Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha jwasslu lil din il-Qorti biex tiċħad ukoll dan it-tielet aggravju;

***Decide:***

29. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

---

[9] Art. 235 tal-Kap 12.

**Tiċħad l-appell** tal-kumpanija attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2016 fil-kawża fl-ismijiet premessi u tikkonfermaha għal kollox; u

**Tordna** li l-kumpanija attriċi appellanti tħallas l-**ispejjeż ta' dan l-appell**, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu regolati skont is-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm